MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tas-6 ta' Ottubru, 2008

Citazzjoni Numru. 453/2008

**HSBC Bank Malta p.l.c (C 3177)**

**vs**

**Tribag Limited (C 23813) debitur principali;**
**U**
**Sebastian Dalli (I.D. 769956M) u martu Maria Dalli (I.D.631852)**
**Alexander Attard (I.D. 840452) u martu Carmelina Attard (I.D.654454M)**
**S.A.Construction Limited (C.6055) u Assets Investments Limited (C.15519)**
**Ikoll garanti solidali bejniethom flimkien mal-kumpanija konvenuta debitrici principali.**

**Il-Qorti**

**Preliminari**

Rat l-atti tar-rikors li permezz tieghu s-socjeta' rikorrenti nomine ssottomettiet:

1) Illi l-Bank attur ta facilitajiet ta' Overdraft Facilities lis-socjeta' debitrici principali Tribag Limited skond kuntratt fl-atti tan-Nutar Anthony Abela tas-27 ta' Marzu 1999 (Dok. A);

2) Illi s-socjeta' Tribag Limited hija debitrici tal-Bank attur fl-ammont ta' mija u tmienja u tletin elf u wiehed u sebghin Euro u tnejn u hamsin centezmu (€138,071.52) (ekwivalenti ghal LM59,274.10c) dovuti lill-istess Bank in kwantu ghal mija u ghaxart elef mija u erbgha u erbghin Euro u tlieta u tletin centezmu (€110,144.33) bilanc fil-kont kurrenti (Overdraft Account numru ''043-003896-340'' qabel ''043-003896-002'') u l-bilanc ta' sebgha u ghoxrin elf disa' mija u sebgha u ghoxrin Euro u dsatax-il centezmu (€27,927.19) imghax fuq l-istess ammont sal-4 ta' Jannar 2008, kif jidher mill-Istatement hawn anness Dok. X; oltre l-imghax tat-tmienja fil-mija (8%) fis-sena mill-5 ta' Jannar 2008 sad-data tal-pagament effettiv;

3) Illi l-konvenuti Sebastian u Maria konjugi Dalli, Alexander u Carmelina konjugi Attard, is-socjeta' S.A. Construction Limited u s-socjeta' Asset Investments Limited ikkostitwew ruhhom garanti solidali mal-imsemmija kumpanija debitrici principali favur il-Bank attur kif jidher minn ghaxar (10) Guarantee Forms hawn annessi bhala dokumenti B, C, D, E, F, G, H, I, J u K);

4) Illi l-konvenuti ghakemm interpellati ghall-hlas baqghu inadempjenti.

5) Illi l-konvenuti ghandhom ihallsu l-imghax ulterjuri mill-5 ta' Jannar 2008 sal- pagament effettiv.

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet premessi jghidu l-konvenuti ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandiex, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportuna:

1. Tikkundanna lill-konvenuti kollha solidalment bejniethom ihallsu lill-istess Bank attur is-somma globali

ta’ mija u tmienja u tletin elf u wiehed u sebghin Euro u tnejn u hamsin centezmu (€138,071.52) (ekwivalenti ghal LM59,274.10c) dovuta lill-istess Bank in kwantu ghal mija u ghaxart elef mija u erbgha u erbghin Euro u tlieta u tletin centezmu (€110,144.33) bilanc fil-kont kurrenti (Overdraft Account numru ‘’043-003896-340’’ qabel ‘’043-003896-002’’) u l-bilanc ta’ sebgha u ghoxrin elf disa’ mija u sebgha u ghoxrin Euro u dsatax-il centezmu (€27,927.19) imghax fuq l-istess ammont sal-4 ta’ Jannar 2008, kif jidher mill-Istatement hawn anness Dok. X;

2. Tikkundanna lill-konvenuti solidalment bejniethom ihallsu lill-Bank attur, l-imghax tat-tmienja fil-mija (8%) fis-sena fuq l-imsemmija somma globali, mill-5 ta’ Jannar 2008 sal-pagament effettiv;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti u r-rapprezentanti guridici taghhom li minn issa huma ngunti ghas-subizzjoni.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;
Rat li l-intimati debitament notifikati imsejha tlett darbiet ma dehrux u baqghu kontumaci;
Semghet lill Catherine Fenech ghall-bank rikorrenti;
Billi t-talba tar-rikorrenti hi gustifikata u l-intimati bl-ebda mod ma kkontestawha.

**Decizjoni**

Ghal dawn il-motivi;
Il-Qorti tiddeciedi;
Billi tilqa’ t-talba tar-rikorrenti kif dedotta;
Bl-imghax legali u bl-ispejjez kontra l-intimati.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------